# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 10 ta' Marzu, 2016**

**Kawża Nru 34**

**Ċitazz. Nru. 1120/03JRM**

Godfrey u Carmen konjuġi **ATTARD**

vs

David u Vincenza konjuġi **CASSAR**, Dieter, Konrad u Elke Sghendo, aħwa Cassar; u b'degriet tas-26 ta' Ottubru, 2004, issejħet fil-kawża Lisa Marie Cassar

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Ottubru, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, l-ammont ta' kumpens għal serviġi li huma taw lil Adolf Cassar, żewġ binthom, u dan wara li ssib li dak il-kumpens huwa mistħoqq; u (b) tikkundanna lill-imħarrkin biex

iħallsuhom il-kumpens hekk likwidat. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-4 ta' Diċembru, 2003, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-ġudizzju ma kienx sħiħ għaliex ma tħarrkitx ukoll mart binhom, Lisa Marie Cassar, li wkoll wirtet lil żewġha, u talbu s-sejħa fil-kawża tagħha wkoll. Fil-mertu, ċaħdu s-siwi tat-talbiet attriċi billi qalu li ma kien dovut l-ebda ħlas ta' kumpens għal serviġi, ladarba kien hemm relazzjoni ta' għerusija bejn il-mejjet u bint l-atturi li wasslet għaż-żwieġ eventwali bejniethom;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2004[1], li bih ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Lisa Marie Cassar, imwielda Attard, bint l-atturi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imsejħa fil-kawża Lisa Cassar fil-15 ta' Diċembru, 2004, li biha laqgħet għat-talbiet tal-atturi ġenituri tagħha billi ammettiethom u żiedet tgħid li ma jmisshiex teħel ukoll l-ispejjeż tal-kawża, ladarba l-kawża kellha ssir biss kontra l-imħarrkin l-oħrajn li naqsu li jwettqu l-obbligi tagħhom;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit u l-provi dokumentali mehmuża magħhom, u kif ukoll ix-xhieda mogħtija fil-kontro-eżami;

Rat il-provvediment mogħti minnha fl-10 ta' Mejju, 2006[2], dwar it-tneħħija ta' dokumenti mill-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2006[3], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-6 ta' Lulju, 2006[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-22 ta' Settembru, 2006[5], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 14 tal-proċess
[2] Paġġ. 78 – 80 tal-proċess
[3] Paġ. 82 tal-proċess
[4] Paġġ. 87 – 96 tal-proċess
[5] Paġġ. 97 – 106 tal-proċess

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' serviġi. L-atturi qegħdin ifittxu l-familja tar-raġel ta' binthom għall-kumpens tas-serviġi li jgħidu li għamlu miegħu għal numru ta' snin sa minn meta daħal jgħix magħhom u wkoll sa ma żżewweġ lil binthom u għaż-żmien qasir li dawn damu miżżewġin;

Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi, fl-ewwel lok, qalu li l-atturi messhom ħarrku wkoll lil binthom, għaliex din ukoll hija werrieta ta' żewġha. Fil-mertu, ċaħdu s-siwi tat-talbiet attriċi billi qalu li ma kien dovut l-ebda ħlas ta' kumpens għal serviġi, ladarba kien hemm relazzjoni ta' għerusija bejn il-mejjet u bint l-atturi li wasslet għaż-żwieġ eventwali bejniethom;

Illi dwar l-eċċezzjoni preliminari jingħad li din ma għadx hemm bżonn li wieħed iqisha, ladarba bis-saħħa ta' degriet mogħti fis-26 ta' Ottubru, 2004, il-Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża ta' bint l-atturi, Lisa-Marie Cassar, armla ta' Adolph Cassar;

Illi fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha, l-imsemmija msejħa fil-kawża stqarret it-talbiet tal-ġenituri atturi tagħha u żiedet tgħid li ma kellhiex teħel l-ispejjeż tal-kawża billi minn dejjem kienet taqbel li missierha w ommha kien jistħoqqilhom jingħataw kumpens għal kemm daru b'żewġha u kien biss minħabba r-ras iebsa tal-imħarrkin li l-atturi kellhom jiftħu din il-kawża;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-atturi huma l-ġenituri tal-imsejħa fil-kawża, Lisa-Marie Cassar. Għall-ħabta tal-1998, din bdiet toħroġ ma' wieħed Adolph Cassar, li jiġi iben l-imħarrkin David u Vincenza Cassar u ħu l-imħarrkin l-oħrajn. L-imsejħa fil-kawża laqqgħetu mal-atturi ġenituri tagħha ftit wara;

Illi l-atturi[6] jgħidu li lil Adolph Cassar kienu daħħluh joqgħod fid-dar tagħhom madwar disa' (9) xhur wara li kien beda joħroġ ma' binthom u qabel ma tgħarrsu, minħabba li ma kienx milqugħ minn familtu u minħabba li kien jispiċċa jorqod barra t-triq fil-karozza tiegħu[7]. Meta kien hemm żmien li Cassar ma kellux xogħol, l-attur kien joħroġ idur miegħu

[66] Xhieda ta' Godfrey Attard f'paġ. 53 tal-proċess
[7] Affidavit tal-attur f'paġġ. 24 – 5 tal-proċess

jgħinu jsib impieg. Kemm dam joqgħod fid-dar tal-atturi, Cassar ma kien iħallas xejn u kien jinqeda b'kulma kien hemm fid-dar tal-attur bla ħlas;

Illi l-attur jgħid ukoll li lil Cassar kien tah fuq ismu karozza wżata tal-għamla *Datsun*, iżda ħabat biha u ma kinitx tista' tissewwa u l-ftit li daħħal tal-fdalijiet tagħha – mas-sebgħin Lira Maltija – għaddihom lill-istess Cassar għax kien bżonn il-flus. Wara dan, begħelu karozza oħra wżata tal-għamla *Hyundai Pony* għal elf Lira Maltin u kellu suppost iħallsu lura bin-nifs, imma Cassar ma wasalx;

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li ibnu Adolph beda jaħdem minn mindu kellu sittax-il (16) sena u jimxi minn impieg għal ieħor, u ġieli kien jaħdem '*part-time*' meta kellu wkoll impieg '*full-time*'. Adolph kien tħarreġ biex ikun kok, u bosta mill-impiegi li kellu kienu f'dan il-qasam. L-imħarrek jgħid li lil ibnu kien għenu billi xtralu karozza tal-għamla *Mini Mayfair* li swiet madwar elf u seba' mitt Lira Maltin (Lm 1,700), u minnha kien ħallsu lura madwar seba' mitt Lira (Lm 700), iżda mbagħad ħabat bija u ma reġax saqha aktar u poġġiha f'remissa għand l-attur[8];

Illi l-imħarrkin David u Vincenza Cassar ma tantx kienu kuntenti bir-relazzjoni bejn binhom u l-imsejħa fil-kawża u lanqas bil-fatt li hu kien għażel li jorqod għand l-atturi f'darhom qabel ma żżewweġ lil binthom. L-imħarrek jgħid li kienet l-imsejħa fil-kawża li nsistiet li binhom imur joqgħod fid-dar tal-ġenituri tagħha;

Illi Adolph Cassar u l-imsejħa fil-kawża żżewġu fl-20 ta' Settembru tal-2002 u marru joqogħdu f'appartament li jagħmel mid-dar tal-atturi f'Wied il-Għajn. Cassar u l-imsejħa fil-kawża ma kinux iħallsu kera u l-konsum tad-dawl u l-ilma kien jitħallas mill-atturi minħabba li d-dar tal-atturi u l-appartament misluf lil binthom kellu '*meter*' wieħed[9];

Illi dakinhar li l-imsejħa fil-kawża u Adolph Cassar iżżewġu, Cassar kien ilu mad-disa' (9) xhur qiegħed u mbagħad dak ix-xahar stess sab impieg '*part time*' bħala kok ma' stabiliment f'Tas-Sliema, u b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2003, sab impjieg ieħor '*full time*' bħala '*kitchen helper*' ma' stabiliment ieħor f'Tas-Sliema wkoll[10];

Illi ftit wara t-tieġ, Adolph Cassar u martu kellhom argument u hu mar joqgħod għal xi jiem għand ħuh Konrad[11]. Reġa' mar lura d-dar ma'

---

[8] Affidavit tal-imħarrek f'paġġ, 31 – 3 tal-proċess
[9] Affidavit ta' Carmen Attard f'paġ. 29 tal-proċess
[10] Dok "DCA", f'paġ. 71 tal-proċess
[11] Affidavit ta' Konrad Cassar f'paġ. 37 tal-proċess

martu, imma telaq għal darb'oħra u qatta' ftit jiem fid-dar tal-ġenituri tiegħu, imma reġa' mar lura mal-imsejħa fil-kawża;

Illi Adolph Cassar neħħa ħajtu b'idejh fid-dar fejn kien jgħix fit-30 ta' Ġunju, 2003[12], ftit jiem qabel għalaq sebgħa u għoxrin (27) sena. Huwa miet intestat[13];

Illi l-atturi fetħu l-kawża fit-28 ta' Ottubru, 2003;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali xieraq li l-Qorti żżomm quddiem għajnejha l-qafas li fih seħħew il-ġrajjiet li wasslu għal din il-kawża. Dan il-qafas juri laqgħa bejn żewġ familji li kellha tmiem traġiku u li kebbes imrar qawwi minbarra l-weġgħat li dak it-tmiem ħalla warajh. Fin-nofs kien hemm ir-relazzjoni li nbniet bejn l-imsejħa fil-kawża u l-ġuvni(iben u ħu l-imħarrkin) li wara għaddiet biex iżżewġet u li minn din ir-relazzjoni tnisslet il-kwestjoni li tinsab quddiem din il-Qorti llum;

Illi l-atturi jitolbu li jitħallsu tan-nefqiet u l-għajnuna li taw lir-raġel ta' binthom minn mindu daħal fil-ħajja tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin iqanqlu żewġ linji ewlenin ta' kontestazzjoni. Dawn huma (i) li dak li setgħu għamlu l-atturi ma' Adolph ma jikkwalifikax bħala serviġi li tagħhom jistħoqqilhom il-ħlas ta' kumpens, għaliex sar minħabba l-għerusija u ż-żwieġ ma' binthom u ma kienx hemm resiliment mingħajr raġuni tajba; u (ii) li f'kull każ, minħabba l-grad ta' qrubija, ma hemmx lok għal kumpens;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ dawn il-kontestazzjonijiet aktar 'l isfel, flimkien mal-apprezzament tal-provi mressqa;

Illi ż-żewġ partijiet jaqblu (u f'dan ir-rigward jidher li jiċċitaw ukoll l-istess għejjun) li huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi jew għajnuna mogħtija lil xi persuna trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[14]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[15] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk

[12] Dok "GA1", f'paġ. 39 tal-proċess
[13] Dokti "GA2" u "GA3", f'paġġ. 41 – 2 tal-proċess
[14] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar vs Lawrence Seychell*** (mhix pubblikata)
[15] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**) u P.A.DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et vs Josephine Spiteri et***

persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[16];

Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim ma għandhiex tkun ta' xkiel għal sejbien ta' responsabbilta' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw[17];

Illi, fuq kollox, il-fatt li jista' jkun hemm rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. F'dan ir-rigward illum il-ġurnata huwa stabilit li kull serviġi, wkoll mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas[18]. ;

Illi, allura, huwa naturali li jsegwi minn dan kollu li biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha[19];

Illi l-fatt li min ta s-servizzi kellu fi ħsiebu xi għamla ta' għarfien ieħor minbarra ħlas dirett (bħal, per eżempju, it-tama li jitħalla bħala werriet jew legatarju jew benefiċjarju b'xi titolu li jkun mill-wirt tal-persuna mgħejjuna) huwa element indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwita' tas-servizz mogħti, ukoll jekk dik it-tama jew wegħda li tkun saritlu tisfuma fix-xejn għal raġuni li l-persuna li serviet ma jkollhiex kontroll fuqha[20]. B'żieda ma' dan, il-fatt li s-serviġi jinbnew fuq il-kważi-kuntratt, l-element tal-volontarjeta' f'min jagħti s-servizz ma jċaħħdux mill-jedd li jistenna l-effetti tar-rabta li tinħalaq mal-parti mgħejjuna[21];

Illi fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha llum, l-imħarrkin jgħidu li ma jinkwadrawx ir-rekwiżiti mistennija mil-liġi ladarba dak li għamlu l-atturi ma' Adolph kien minħabba relazzjoni ta' għerusija u eventwali żwieġ tiegħu ma' binthom. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru qabel, il-Qorti

[16] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun vs Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**) u App Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Delicata et vs Anthony Saliba pro et noe*** (mhix pubblikata)
[17] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil***
[18] Ara, per eżempju, P.A. RCP **25.4. 2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.iii.174**) u TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Catania pro et noe vs Maria Aġius***
[19] P.A. JSP **29.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Farruġia et vs Anthony Camilleri et*** (mhix pubblikata)
[20] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Borġ vs Carmen Gaffiero et***
[21] Art. 1012 tal-Kap 16

ma tistax taċċetta li, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-għerusija u ż-żwieġ bejn l-imsejħa fil-kawża u Adolph Cassar, l-atturi huma minħabba f'hekk biss imċaħħda milli jippretendu l-ħlas ta' serviġi jekk dawn tassew ingħataw. Lanqas ma jgħodd l-argument tal-imħarrkin li, ladarba ma kienx hemm tħassir inġustifikat tal-għerusija, allura b'daqshekk ukoll jintilef il-jedd għall-kumpens. Il-kawżali li twassal għall-jedd ta' kumpens għas-serviġi ma għandha x'taqsam xejn mal-kawżali tat-talba tad-danni minħabba tħassir mhux ġustifikat tal-għerusija, u dan għaliex it-tnejn li huma jinbnew fuq prinċipji ta' dritt li jingħarfu minn xulxin;

Illi f'dan il-każ jidher li l-aktar punt rilevanti huwa dak li jirrigwarda ż-żmien attwali meta ngħataw is-serviġi li l-atturi jgħidu li taw u x'kienet il-fehma tal-partijiet involuti – jiġifieri dik tal-atturi meta tawhom u dik ta' Adolph Cassar meta ngħatawlu. Kif ingħad, iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara li s-serviġi jkunu ngħataw ma jitqisux biex jiddeterminaw jekk il-partijiet kinux qiesu li s-servizzi mogħtija kienu qegħdin jingħataw bil-ħsieb ta' ħlas jew kumpens;

Illi l-atturi mexxew il-pretensjoni tagħhom wara l-mewt ta' Adolph Cassar u meta ħareġ li dan miet intestat u mingħajr ma kellu wlied. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jistrieħu fuq parti mix-xhieda tal-atturi fejn jgħidu li Adolph Cassar innifsu kien jgħid li "qatt ma kien ikun jista' jħallasna biżżejjed talli konna nagħmlu miegħu"[22]. Huma jgħidu li b'dik ix-xhieda Adolph Cassar kien qiegħed juri lill-atturi li ma kienx qed jaċċetta li dak li sar miegħu kien jistħoqqlu ħlas għaliex ma kellux minn fejn iħallashom u huma kienu jafu b'dan;

Illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-imħarrkin dwar it-tifsira li jmissha tingħata dik il-parti tax-xhieda tal-atturi. Għall-kuntrarju, jidher li dak il-kliem – kieku tassew ingħad – kien juri l-kontra ta' dak li l-imħarrkin jifhmu bih: Adolph Cassar tant kien għaraf is-siwi ta' dak li għamlu miegħu l-atturi li, kellu kemm kellu flus, ma seta' qatt jikkumpensahom biżżejjed. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jnissel l-għarfien min-naħa tal-persuna mgħejjuna li dak li sar magħha kien jistħoqqlu l-kumpens. Huwa magħruf li l-għarfien mhux bilfors iseħħ b'kitba f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm[23], għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu[24];

Illi jifdal il-kwestjoni tal-għan u l-fehma li bih l-atturi wettqu s-serviġi fiż-żmien li tawhom. Dan x'aktarx huwa l-iżjed punt kontroversjali fil-biċċa

[22] Affidavit tal-attur f'paġ. 26 tal-proċess
[23] App. Ċiv. **16.9.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.260**), P.A. **6.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.217**) fost bosta oħrajn
[24] Ara P.A. LFS **17.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et*** (mhix appellata)

kollha. L-eħfef ħaġa li l-atturi jistgħu jgħidu, issa u wara l-mewt ta' Adolph Cassar, hu li dak li għamlu miegħu kien f'moħħhom li jitħallsu għalih. Imma l-mistoqsija li tqum hija jekk fiż-żmien li kienet qiegħda tingħata l-għajnuna, kinetx tassew din il-fehma tagħhom jew jekk kollox kienx jinġabar fil-ħsieb li jaraw lil binthom l-imsejħa fil-kawża miġbura mal-ġuvni li daħal f'ħajjithom. F'dan ir-rigward isir importanti ħafna dak li nqala' bejn iż-żewġ familji wara l-mewt taż-żagħżugħ, u jiġifieri li l-imħarrkin dehrilhom li kellhom jaqsmu l-wirt li kellu bin-nofs mal-atturi, filwaqt li l-attur deherlu li l-wirt kollu ta' Adolph jgħaddi għandu[25];

Illi l-Qorti fliet b'reqqa din x-xhieda kollha li tressqet quddiemha u tasal għall-fehma li l-ħsieb kien li l-atturi jingħataw kumpens tax-xogħol u s-servizzi li taw lil Adolph Cassar u li dan il-ħsieb urewh lil Cassar hu u jingħata din l-għajnuna. Jidher li dan il-ħsieb twassal lil Cassar li ħassu obbligat lejn l-atturi u li ma ħallilux għażla oħra ħlief li jiżżewweġ lill-imsejħa fil-kawża. Kienet għażla li mbagħad, fi ftit xhur, ġagħlitu jħossu "maqbud f'morsa" li wasslitu biex, f'medda ta' sitt xhur, telaq darbtejn mid-dar taż-żwieġ u mar joqgħod għal ftit żmien ma' ħuh (f'Buġibba) u mal-ġenituri tiegħu (f'Ħal Qormi);

Illi minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-għajnuna u l-ħarsien li ngħataw mill-atturi kienu tal-għamla tali li Adolph Cassar kien meqjus bħala "wieħed minn ta' ġewwa" b'kulma dan iġib miegħu – alloġġ, ikel u l-ħsieb tal-ħtiġijiet kollha li persuna jkollha u taf issib f'ambjent bħal dak. Kienet għajnuna li titlob impenn, fuq medda ta' żmien, li jmur lil hinn mis-solidarjeta' li kienu juru qraba oħrajn (fosthom l-imħarrkin) u li kieku saret minn barranin imqabbdin apposta kienet tinvolvi nefqiet u ħlasijiet mhux żgħar. Mill-provi mressqa ħareġ ukoll li ta' dawn is-servizzi kollha Cassar ma ħallas xejn;

Illi dan ifisser li l-ewwel talba tal-atturi hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi**, tajjeb li jingħad li fost il-kriterji magħrufa[26] li xieraq jitqiesu meta wieħed jiġi biex ikejjel il-kumpens dovut, wieħed isib (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi mogħtija, (ii) il-mezzi tal-persuna mgħejjuna, (iii) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mgħejjuna, (iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens, (v) l-grad ta' ħila jew speċjalizzazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali serviġi, (vi) jekk xi qadi jidħolx għalih kulħadd jew jekk iġibx stmerrija f'min jintalab jagħmlu minħabba li jkun "*di bassa lega*", (vii) jekk mal-għoti tas-serviġi l-

[25] Xhieda tiegħu f'paġ. 59 tal-proċess
[26] P.A. GV **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe*** fost bosta oħrajn

persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha, u (viii) jekk il-persuna moqdija tkunx fi stat ta' saħħa mwiegħer jew dgħjufija;

Illi fil-każ tal-lum, jidher li hemm ukoll distinzjoni oħra li trid issir. Din hija l-qasma bejn iż-żmien li s-servizzi ngħataw lil Adolph Cassar qabel ma żżewweġ lill-imsejħa fil-kawża u ż-żmien wara ż-żwieġ tagħhom. L-attur jisħaq li hu u martu jippretendu wkoll il-ħlas tas-serviġi għaż-żmien (qasir) li binthom kienet miżżewġa lil Adolph Cassar. Meta ressqu l-prospett tal-kumpens li jippretendu li jistħoqqilhom[27], qasmu b'nofs l-infieq li jgħidu li għamlu fir-rigward ta' binthom u Adolph tul it-tmien (8) xhur li damu miżżewġin;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħraf li din il-konsiderazzjoni hija waħda rilevanti f'kawża bħal din. Dan qiegħed jingħad għaliex, maż-żwieġ tiegħu mal-imsejħa fil-kawża, wieħed jifhem li l-obbligi li tnisslu mir-rabta taż-żwieġ tefgħu fuq l-istess imsejħa fil-kawża u żewġha obbligi u dmirijiet li jmantnu 'l xulxin[28] u għaldaqstant minn dakinhar 'l hemm wieħed jifhem li tnaqqas radikalment is-servizz mogħti jew mistenni mill-atturi minn dak li seta' kien jingħata qabel iż-żwieġ. Minbarra dan, jekk kemm-il darba l-atturi setgħu b'kull dritt jgħidu li, sa qabel iż-żwieġ tiegħu ma' binthom, Adolph Cassar kien barrani u mhux qarib, ħaġa bħal din ma setgħux jibqgħu jgħiduha aktar wara ż-żwieġ;

Illi, kif ingħad qabel, dwar il-frekwenza u x-xorta tax-xogħol mogħti mill-atturi għall-benefiċċju ta' Adolph Cassar, jirriżulta mill-atti li dawn kienu konsistenti u ta' impenn mhux traskurabbli. Dwar dan, il-Qorti diġa' tat il-konsiderazzjonijiet tagħha waqt li kienet qiegħda tqis dan l-aspett tal-ewwel talba attriċi;

Illi dwar il-ġid li kellu Adolph Cassar fil-waqt tal-mewt tiegħu, jidher li dan kien jitla' għal qrib ħdax-il elf tliet mija u disgħin euro (€ 11,390)[29], bla ma wieħed jgħodd magħhom il-likwidazzjoni ta' polza ta' assikurazzjoni[30];

Illi l-Qorti tasal biex taqbel mal-imħarrkin li, safejn il-pretensjonijiet tal-atturi jirrigwardaw il-ħlas lura tal-bilanċ tal-prezz tal-karozzi li ngħataw lil Adolph Cassar mill-attur u li prezzhom ma kienx għadu tħallas kollu lura lill-attur sa dakinhar li Adolph Cassar miet, dan ma għandux jitqies għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-kumpens għal serviġi. Il-bilanċ li seta' kien dovut lill-attur għall-imsemmija vetturi huwa ta' sura oħra mis-servizzi li l-

[27] Ara Dok "GA1", f'paġ. 27 tal-proċess
[28] Ara art. 2(2) u 3 tal-Kap 16
[29] Magħmul minn żewġ kontijiet bankarji u somma ta' rifużjoni ta' taxxa mħallsa żejda
[30] Ara Dok "GA8", f'paġ. 48 tal-proċess

atturi kienu qegħdin jagħtu lill-għarus ta' binthom, u ma jaqax fil-parametri tal-azzjoni tagħhom tal-lum;

Illi l-Qorti tqis li wkoll kieku kellha taqbel mas-sottomissjoni tal-imħarrkin li s-self tal-appartament lill-imsejħa fil-kawża u żewġha jikkostitwixxi kommodat[31], ma huwiex ta' xkiel għall-atturi li jippretendu li n-nefqa li kellhom jerfgħu fil-ħlas tas-servizzi essenzjali li jfornu lill-appartament jitħallsu b'xi mod għaliha. Iżda l-Qorti taqbel mal-imħarrkin li l-pretensjoni tal-atturi li jkunu kumpensati fuq il-kejl tal-valur lokatizju tal-istess appartament mhijiex f'postha f'dan il-każ. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, issemma li l-appartament jagħmel mill-istess dar tal-atturi, u, fit-tieni lok, għaliex l-atturi għażlu li joffru dak l-appartament lil binthom u lil żewġha b'miżura temporanja sakemm il-miżżewġin (kif fil-fatt jidher li sar) isibu dar għalihom fejn imorru jgħixu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kwalita' u l-għamla tas-serviġi li l-atturi jippretendu l-ħlas dwarhom, ma jidhirx li dawn kienu servizzi li joħorġu lill-atturi barra mill-ħajja normali tagħhom jew li kienu skabrużi jew iġibu tbatija. Il-Qorti tislet l-impressjoni li, l-aktar fejn jirrigwardaw lill-attriċi, dawn kienu servizzi li xorta kienu sejrin jitwettqu, imma li l-atturi jħossu li Adolph Cassar messu refa' s-sehem tiegħu minnhom. Huma servizzi li, fuq kollox, ma ħarbtux ir-rutina ta' min tahom, bħalma jiġri f'ċirkostanzi oħrajn fejn persuna jkollha tħalli darha, il-familja jew saħansitra l-impjieg tagħha biex tkun tista' ddur b'dak li jkun.[32]

Illi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali rilevanti, il-Qorti jidhrilha li kumpens xieraq lill-atturi jkun ta' sitt euro (€ 6) kuljum għal tul iż-żmien li laqgħu lil Adolph Cassar għandhom qabel iż-żwieġ, u ta' tliet euro (€ 3) kuljum wara dakinhar;

Illi bi tħaddim ta' dan il-kejl u wara li qieset il-fatturi kollha fuq imsemmija fid-dawl tal-provi mressqa, l-Qorti qiegħda tistabilixxi kumpens li jrid jitħallas lill-atturi fir-rigward tal-imħarrkin fis-somma ta' disat elef ħames mija u wieħed u tletin euro (€ 9,531)[33];

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-atturi wettqu serviġi għall-benefiċċju ta' Adolph Cassar u li dwarhom l-istess atturi jistħoqqilhom l-għoti ta' kumpens;

---

[31] Ara art. 1824 tal-Kap 16
[32] Ara P.A. DS **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherina Coleiro et vs Francesca Saveria Balzan et*** (mhix appellata)
[33] €6 x 1460 + €3 x 257 = € 9,531

**Għall-finijiet tal-istess talba** tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi għas-serviġi msemmija fis-somma ta' disat elef ħames mija u wieħed u tletin euro (€ 9,531);

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin werrieta tal-imsemmi Adolph Cassar, iħallsu lill-atturi s-somma ta' disat elef ħames mija u wieħed u tletin euro (€ 9,531), bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

Tordna li l-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta' Marzu, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**10 ta' Marzu, 2016**